# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 848/00mm**

**Moira Chetcuti**

**vs**

**Lawrence Muscat**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm865.96) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni

sofferti mill-attrici meta fi Vjal ir-Rihan, San Gwann, fit-2 ta' Mejju, 2000, il-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni IMY 339, laqghat il-vettura tal-marka Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni MMN 010, propjeta' ta' l-attrici, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra legali datata 12 ta' Gunju, 2000, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Frar, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.